**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 06 ta' Ottubru, 2016**

**Rikors Guramentat Nru: 137/2005 AF**

**Raphael Aquilina**

**vs**

**Antoine Grima**

Il-Qorti:

Rat l-att tac-citazzjoni tal-4 ta' Frar, 2005, li permezz taghha, wara li gie premess illi:

L-attur ghandu l-fond 29, Suq Bonnici, Bormla b'titolu ta' kera.

Fis-17 ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta 17/03/2003, l-attur garrab hsarat konsiderevoli f'dan il-fond, liema hsarat kienu sija fil-gebel kif ukoll fl-ghamara.

Dawn i-hsarat gew ikkagunati minhabba hruq fil-garaxx Numru 3, fi Triq Santa Margerita, Bormla.

Is-sid ta dan il-garaxx huwa l-konvenut hawn imsemmi.

Il-konvenut ghalkemm interpellat sabiex jersaq ghal likwidazzjoni u hlas ta' danni, huwa baqa' inadempjenti.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara li l-fond numru 29, Suq Bonnici, Bormla garrab hsarat konsiderevoli minhabba hruq fil-garaxx numru 3, Triq Santa Margerita, Bormla.

2. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghal dawn il-hsarat imgarrbin mill-attur.

3. Tinnomina Perit biex jistma dawn id-danni.

4. Tillikwida d-danni imsemmija.

5. Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 10 ta' Mejju 2004 u bl-interessi legali kontra l-konvenut li hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut tal-21 ta' Marzu 2005, li in forza taghha gie eccepit illi:

Preliminarjament il-konvenut mhuwiex sid il-garaxx indikat fic-citazzjoni u ghalhekk ma ghandux jirrispondi ghat-talbiet kif maghmulha mill-attur.

Lanqas ma huwa minnu li l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni tad-danni, fil-fatt tissemma ittra wahda biss li kienet ta' natura bonarja u ghalhekk f'kaz ta' kundanna ma ghandux jehel il-hlas ta' xi imghax.

Minghajr pregudizzju ghal dak li inghad meta l-attur gie mitlub sabiex jipproduci lista dettaljata tal-oggetti li allegatament gew distrutti b'rizultat ta dan il-hruq, l-istess attur ma baghat ebda lista dettaljata li tindika b'mod preciz l-pretenzjonijiet vantati minnu.

Inoltre u dan minghajr pregudizzju galadarba rrizulta li l-konvenut ma kellu ebda responsabbilità ghall-hruq ghandu jkun sid il-fond tal-attur li jaghmel it-tiswijiet mehtiega fil-fond mikri lilu.

Dejjem minghajr pregudizzju l-konvenut ma kellu ebda responsabbilità ta' htija ghall-hruq ikkagunat fl-imsemmi garaxx u ghalhekk ma ghandux jirrispondi ghat-talbiet kif maghmula mill-attur.

Ghalhekk it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur.

Salv ecezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta, tal-24 ta' April, 2006 fejn gie nominat il-Perit Godwin Abela sabiex izomm is-seduti u jirrelata dwar il-kawza.

Rat il-verbal tal-15 ta' Jannar, 2007, li permezz tieghu, id-difensur tal-attur iddikjarat li mhix titlob aktar danni fuq l-immobbli, izda qeghda tillimita t-talba taghha ghal danni fuq l-ghamara u l-kera.

Rat ix-xhieda moghtija mill-Perit Godwin Abela waqt is-seduta tat-12 ta' Marzu, 2007.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta, tal-25 ta' Gunju, 2007, li permezz tieghu giet nominata Dr. Yvette Cassar bhala Assistent Gudizzjarju.

Rat il-provi mressqa permezz ta' affidavits, x-xhieda, kif ukoll id-dokumenti esebiti mill-kontendenti fil-kawza.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-konvenut.

Rat illi d-difensur tal-attur irrimettiet ruhha ghall-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza l-attur qieghed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara lill-intimat responsabbli ghall-hsarat estensivi li garrab il-fond numru 29, Suq Bonnici, Bormla, inkluz l-ghamara li huwa kellu f'dan il-fond li kien mikri lilu; li tinnomina perit sabiex jistma dawn id-danni; li jigu likwidati l-imsemmija danni; kif ukoll li l-konvenut jigi kkuundannat ihallas is-somma hekk likwidata.

Il-konvenut iressaq bhala difiza l-eccezzjonijiet illi huwa mhux sid il-garaxx fejn sehh il-hruq, u ghalhekk m'ghandux jirrispondi ghat-talbiet attrici; illi m'ghandux ihallas imghaxijiet peress li qabel il-kawza kien interpellat darba biss u dan bonarjament; li ghalkemm talab l-attur biex jipproduci lista dettaljata tal-oggetti allegatament distrutti, dan baqa' inadempjenti; gialadarba rrizulta li huwa ma kellu ebda responsabbilità ghall-hruq, ghandu jkun sid il-fond li jaghmel it-tiswijiet mehtiega fil-fond mikri lill-attur;il-konvennut jishaq li ma kellu ebda htija ghall-hruq fl-imsemmi garaxx u ghalhekk m'ghandux jirrispondi ghad-danni; ghalhekk filwaqt li jichad it-talbiet attrici, il-konvenut jghid li dawn huma nfondati.

Mill-gbir tal-provi rrizulta illi fis-17 ta' Marzu, 2003, ghall-habta tat-8 ta' filghaxija, l-garaxx uzat mill-konvenut li kien sottostanti l-appartament mikri lill-attur, inhakem min-nirien kbar, tant li t-travi spiccaw u li konsegwentement wassal sabiex l-art tal-kamra ta' quddiem tal-appartament tal-attur, konsistenti fil-kamra tas-salott sfrondat b'kull ma kien hemm fiha. Fortunatament l-attur u l-mara tieghu, li dak il-hin kienu fil-kamra tas-sodda, lahqu hargu mill-appartament fil-hin.

Il-mara tal-attur, Maria Concetta Aquilina, tispjega li huma kienu jhallsu sittax-il lira (Lm16) kera fis-sena, ghall-fond numru 29, Suq Bonnici, Bormla, u filwaqt li ghall-ewwel hames gimghat, wara l-incident, il-Gvern li kien sid il-fond mikri lilhom, tahom post f'Wied il-Ghajn, imbaghad tahom post iehor f'Cospicua, li ghalih kienu mitluba jhallsu Lm55.50 kera fis-sena. F'dan il-post alternattiv huma damu joqghodu ftit anqas minn hames snin. Tkompli tghid li rnexxielhom isalvaw ftit affarijiet milli kellhom fil-kmamar ta' gewwa, izda li huma

qeghdin ifittxu ghad-danni tal-ghamara u l-kontenut taghhom fil-kamra tas-salott u dik tal-kamra tas-sodda.

L-attur ipprezenta prospett ta' danni li principalment jikkonsisti fl-affarijiet li kellhom fil-kamra tas-salott u fil-kamra tas-sodda, li huwa jikkontendi li ntilfu minhabba n-nirien, kif ukoll spejjez ohra, bhalma huma t-trasport u l-kera kemm li kellhom ihallsu fuq il-post li nharaq, kif ukoll fuq il-post alternattiv li nghataw mill-Gvern, ghal total ta' Lm 7964.50, ekwivalenti ghal €18,552.29. Mill-provi rrizulta li dan il-prospett kien ippreparat mill-attur flimkien ma' martu u bintu, Marlene Viacava, li xehdu fir-rigward ukoll.

Mir-relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina, li kien appuntat mill-Magistrat Inkwirenti, jirrizulta mhux biss il-hsara estensiva li kien hemm fl-istruttura tal-fond, li kien mikri lill-attur, izda jsemmi wkoll il-hsara estensiva fil-mobbli taz-zewg kmamar ta' quddiem li intilfu ghal kollox, u ohrajn gratilhom hsara bid-dahna; kull fejn kien hemm suffitti dawn kellhom jinbidlu (fol. 37 tal-process).

Jirrizulta li l-konvenut kien jahzen fil-fond materjal li juza fix-xoghol tieghu ta' tappizzar, bhal injam, rombli tad-drapp u *foam rubber*, kif ukoll zewg vetturi ggaraxxjati. Il-konvenut ma kienx jahdem tapizzerija f'dan il-garaxx, izda l-garaxx in kwistjoni kien il-post fejn izomm il-materjal li jahdem bih. Fil-garaxx *de quo* kellu raff li fuqu kien izomm xi materjal inkluz munzell ta' foam - fil-fatt xi tmint ijiem qabel l-incident kien ghadu kemm gab kunsinna *foam*. Il-*foam* ma kienx tat-tip *fire retardant*.

Fis-17 ta' Marzu, 2003, il-konvenut mar lura fil-garaxx ghall-habta ta' 7.45pm, u filwaqt li kien ser idahhal il-vann tieghu fil-garaxx, ra l-foam fuq ir-raff jaqbad, bin-nar jinfirex malajr kullimkien. Huwa dahal fil-garaxx, tela' fuq ir-raff u beda jipprova jikkontrolla n-nar billi jitfa' l-foam jinharaq ghal isfel, izda n-nar kompla jinfirex mal-garaxx kollu. Il-konvenut hareg wahda mill-vetturi li kellu pparkjati gewwa l-garaxx u b'hekk garrab hruq f'rasu. Huwa cempel ghall-ghajnuna, izda ma setax jintefa l-ilma qabel ma nqata' d-dawl. Il-konvenut ma kellux assikurazzjoni fuq il-garaxx.

Mir-relazzjoni pprezentata bhala Dok. "AV" a fol. 41 *et seq* tal-process, tal-Professur Alfred J. Vella, li kien ukoll mahtur mill-Magistrat Inkwirenti, bhala espert forensiku, jirrizulta li d-deskrizzjoni moghtija mill-konvenut hija wahda preciza ta' kif jaqbad il-*polyurethane foam rubber*, u r-raguni principali ghaliex in-nar infirex pjuttost malajr. Fl-attentat biex inehhi l-*foam rubber* minn fuq ir-raff, il-konvenut haraq rasu u idejh u mhux saqajh, peress li n-nar kien qieghed iheggeg fuq ir-raff u mhux fl-art. Il-Professur Vella jeskludi li dan in-nar seta' tqabbad b'mod doluz minn xi hadd min barra l-garaxx jew minn kawza elettrika.

Huwa jkompli jghid li n-nar fuq il-*foam rubber* nfirex b'heffa kbira peress li dan ma kienx *fire-retardant* u li kien hemm il-possibilità li n-nar origina fuq il-foam rubber b'mod spontanju. L-espert forensiku jiddeskrivi l-periklu li jipprezenta dan il-materjal meta jkun ghadu kemm gie manifatturat permezz ta' kimici u l-importanza li jithalla fi process ta' curing, specjalment meta l-foam rubber ikun maghmul f'forma ta' blokki hoxnin u mhux meta maqtugh f'folji rqaq. Huwa jkompli jghid li:

> "*Ghalkemm tali akkumulu jista' jipprezenta periklu minn hruq spontanju, minhabba fil-hxuna tal-massa, l-esponent ihoss li l-materjal kien ilu maghmul ghal zmien sufficjenti sabiex il-foam rubber jistabilizza ruhu anke jekk kien ghadu kemm gie imanifatturat ftit qabel ma nxtara.*"

L-espert jikkonkludi r-relazzjoni tieghu billi jghid li ma kienx f'posizzjoni jiddetermina x'kien is-sors tal-hruq f'dan il-kaz.

In kontro-ezami dan l-espert jixhed illi dan it-tip ta' *foam* ma kellux jiehu n-nar wahdu u jishaq illi ma setax jghid kif beda n-nar u li ma hassx li jkun prudenti li joqghod jispekula.

Il-perit Godwin Abela fix-xhieda tieghu tat-12 ta' Marzu, 2007, jghid li wara li acceda fuq il-post, fil-presenza tal-partijiet, jghid li l-post kien sofra hruq, u li l-fond tal-atturi kien lahaq rega' nbena mil-gdid u ghalhekk mill-oggetti u materjal li gie distrutt ma seta' jikkonstata xejn. Il-perit Abela jikkonferma wkoll li kien hemm aktar minn kamra wahda affetwata min-nar, fil-

fond tal-atturi, partikolarment il-*living room* u l-kamra tas-sodda, filwaqt li l-parti laterali ma gietx affettwata, izda ma seta' jghid xejn fuq il-kontenut, peress li ma ra xejn, peress li dawn kienu intremew.

L-attur jiddeskrivi dakinhar tal-incident sew, meta jghid li kien id-dar tieghu mal-mara, qieghed jara t-televizjoni. X'hin dan waqaf, mar jara xi gralu minn wara, u kien hemm li ra ilsna tan-nar tilghin mill-post ta' taht u ghalhekk qal lil tal-familja biex johorgu l-barra. Huwa jghid li l-art tas-salott li kienet tigi fuq is-saqaf tal-garaxx, waqat ghal isfel u b'hekk tilef kull ma kellu f'dik il-kamra, filwaqt li n-nar haraqlu l-kamra tas-sodda wkoll. L-attur jixhed li kien ihallas Lm 16 kera fis-sena, fuq il-post li nharaq, filwaqt li ghall-post il-gdid kien ihallas Lm 52 kera fis-sena. Iz-zewg postijiet mikrija lilu kienu proprjetà tal-Gvern u l-post li kellu originarjament, wara l-incident, rega' inbena mill-gdid mill-Gvern. Huwa rega' dahal lura fil-post li nharaq ghall-bidu ta' Jannar, 2008 u seta' jiehu biss l-ghamara li kienu salvaw tal-ispare bedroom, filwaqt li ghall-bqija, kellu jixtri l-ghamara tas-salott u tal-kamra tas-sodda mill-gdid. In kontro-ezami l-attur jikkonferma li ghalkemm dam hames snin sabiexx jerga lura fid-dar mikrija lilu, dan iz-zmien kien mehtieg mill-Gvern biex isewwi u mhux ghal xi nuqqas attribwibbli lill-konvenut.

Mix-xhieda tal-konvenut jirrizulta li l-post kien mikri lilu wkoll mill-Gvern u li ghalkemm kien ilu juza dan il-garaxx ghal madwar ghaxar snin, ma tantx kellu rapport tajjeb mal-attur. Il-konvenut jghid li kienet parti biss mid-dar tal-attur li kienet sovrastanti tieghu u li konsegwenza tal-incident, kien zgur li l-attur tilef il-kamra tas-salott, izda ma setax jghid xi hsara aktar kien hemm fil-fond mikri lill-attur. Il-konvenut jixhed li l-hsara li garrab il-fond, giet irrangata u mhallsa mill-Gvern.

L-espert tekniku Joseph Zammit, li kien ukoll mahtur mill-Magistrat Inkwirenti eskluda l-possibilità li n-nirien setghu gew ikkagunati mill-vetturi li kien hemm fil-garaxx in kwistjoni. Konsegwenza tan-nirien, il-karozza Austin Mini Minor li l-konvenut kellu pparkjata fuq in-naha ta' wara tal-garaxx, garrbet hsarat estensivi tant li minnha ma baqa' xejn salv, tant

li impossibli tissewwa, filwaqt li l-karozza l-ohra tal-konvenut kienet salvata, wara li l-istess konvenut lahaq harigha.

Missier il-konvenut, Anthony Grima, li fil-mument in kwistjoni kien mal-konvenut, jikkonferma fis-shih dak li xehed ibnu u li jzid li ra zgur fdalijiet tal-kamra tas-salott tal-attur li kienu sfrundaw ghal isfel, gol-garaxx, bhal sufan u linfa, izda xejn aktar. Isostni li l-kamra tas-sodda tal-attur baqghet shiha u li wara n-nirien, il-familja tal-attur kienu gew diversi drabi jnizzlu xi affarijiet.

Xehed ukoll Andrew Xuereb, in rapprezentanza tad-Diprtiment tal-Akkomodazzjoni Socjali, li jikkonferma li l-Gvern ta lil Raphael Aquilina post iehor fejn joqghod, sakemm tlestew ix-xogholijiet fil-post li nharaq u dan bi ftehim mieghu. Aquilina nghata grant ukoll ta' €1910.09, mid-Dipartiment, fir-rigward l-istallazzjoni tal-kamra tal-banju u ghal xi tqeghid ta' madum tal-hajt tal-kcina. (Kif jirrizulta minn Dok. X3 a fol. 296 tal-process).

Frank Mizzi xehed in rapprezentanza tad-Dipartiment tal-Artijiet, u filwaqt li jezebixxi d-dokumenti relativi, jistqarr li ghalkemm il-kera tal-post alternattiv moghti lill-attur kien ta' Lm185 fis-sena, effettivament l-attur hallas biss €129.33. Ikkonferma wkoll li l-attur kien fadallu jhallas bilanc ta' €573.68 (skond Dok. FM2 a fol. 318 tal-process), peress li l-attur talab li jinghata cans ihallas minhabba l-proceduri odjerni. Ikkonferma wkoll li l-fond 29, Flat F, Suq Bonnici, Bormla kien mikri lil Effie Aquilina u li kien ihallas kera ta' Lm 16 fis-sena, (skond Dok. FM 5 a fol. 329 tal-process) izda li din il-kirja giet riveduta wara revizjoni fil-ligijiet tal-kera.

Jirrizulta ndubitat li bil-qawwa tan-nar li sehh nhar is-17 ta' Marzu, 2003, fil-garaxx bin-numru 3, gewwa Triq Santa Margerita, Bormla, mikri lill-konvenut mill-Gvern, giet ikkagunata hsara wkoll fil-fond sovrastanti 29, Suq Bonnici, Bormla, konsistenti fir-residenza tal-attur, ukoll mikrija lilu mill-Gvern. Il-Perit Arkitett mahtur mill-Magistrat Inkwirenti, iddikjara li l-kostruzzjoni ta' dan il-bini bhala perikolanti u mhux tajjeb ghall-abitazzjoni. Dan jinsab konfermat ukoll mir-Rapport dwar Struttura Perikolanti mahrug mid-Dipartiment

tal-Bini u Inginerija, esebit bhala Dok. X4 a fol. 297 tal-process.

Il-konvenut permezz tan-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, jishaq illi ma jistax ikun mizmum responsabbli ghall-hsarat sofferti mill-attur peress li, kuntrarjament ghal dak premess mill-istess attur, huwa mhux sid il-garaxx izda huwa biss l-inkwilin. Huwa jinvoka l-artikolu 1561 tal-Kodici Civili favur tieghu u jghid li ghalkemm il-kerrej huwa responsabbli ghall-hsarat fil-fond mikri, kemm-il darba ma jippruvax li dan ma garax bi htija tieghu, dan il-principju ma jestendix ghall-fond tal-vicin u ghalhekk kien jinkombi fuq l-attur li jipprova r-responsabbilità ghall-hsarat allegatament sofferti hija attribwibbli lill-konvenut.

Din il-Qorti hija tal-fehma illi ghalkemm l-attur ma jistax jinvoka favur tieghu, il-prezunzjoni *iuris tantum* ta' responsabbilità ghall-hruq hekk kif kontemplat fl-artikolu 1561 tal-Kodici Civili, peress li din ma testendix ghal danni kagonati bl-istess hruq fil-fond vicin, madankollu dan ma jeskludix a priori kull responsabbiltà da parti tal-konvenut. Dan ifisser biss li l-attur irid jipprova posittivament ir-responsabbilità tal-konvenut, kemm ghall-akkadut, kif ukoll ghad-danni konsegwenzjali. Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Marzu, 1996, fl-ismijiet Victor Shaw et noe v. John Aquilina noe. Lanqas ma tara kif il-fatt li rrizulta li l-konvenut kien il-kerrej mhux is-sid jista' jkun ta' pregudizzju ghalih, peress li se mai l-oneru tal-prova ghall-attur huwa wiehed akbar, stante li bejn il-kontendenti m'hemmx ir-relazzjoni bejn sid u kerrej.

Ghalhekk f'dan il-kaz, ghandhom japplikaw il-principji komuni ta' dritt hekk kif provdut taht it-titlu ta' Delitti u Kwazi - Delitti tal-Kodici Civili, senjatament l-artikoli 1029 sa 1032 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdu s-segwenti:

> *"1029. Kull hsara li tigri b'accident jew b'forza magguri, ibatiha, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara.*

*1031. Kull persuna twiegeb ghall-hsara li tigri bi htija taghha.*

*1032. (1) Jitqies fi htija kull min bl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-famiija.*

*(2) Hadd ma jwiegeb, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal- ligi, ghall-hsara li tigri minhabba nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb fi grad akbar."*

Isegwi li kull min jonqos li jaghmel uzu mill-prudenza, diligenza u l-hsieb ta' *bonus pater familias*, jitqies in kolpa, u ghandu jwiegeb ghad-danni li jsegwu.  Jinkombi fuq l-attur il-piz tal-prova tal-kolpa da parti tal-konvenut, u li jipprova n-ness kawzali bejn l-incident dannuz, l-agir tal konvenut u l-ezistenza tad-dannu.

Da parti tal-konvenut jinghad ukoll li l-kaz in ezami kien jitratta kaz fortuwitu, fis-sens li l-agir tieghu bl-ebda mod ma kkontribwixxa ghall-akkadut u ghalhekk ma jirrispondix ghall-pretensjonijiet ta' hsarat hekk kif allegat mill-attur.

Madankollu, kif ritenut minn din il-Qorti, diversament preseduta, fis-sentenza taghha tal-15 ta' Dicembru, 2003, fl-ismijiet Edward Amato et v. Christopher Agius et:

*"Il-kuncett tal-kaz fortuwitu jew forza magguri ma jsehhx meta ghall-hsara jkun ikkontribwixxa l-fatt, positiv jew negattiv, tal-bniedem. Skond il-principji tad-dritt, biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat u li jkun prodott mill-forza tan-natura, imma jehtieg li jkun inevitabbili b'mod li ma jistax jigi evitat bil-diligenza ordinarja tal-'bonus pater familias' (ara sentenza  Micallef vs Belle Mc.Cance 7/5/1983 Vol. 37 p 2 p 638).*

*Fil-kaz in ezami l-Qorti tirravviza negligenza kontributorja da parti tal-konvenut li fil-fatt stiva fil-garage kwantità kbira ta' materjal u oggetti, fosthom materjal kombustibbli, b'mod tali li rrenda difficili li jigi kontrollat in-nar…*

*Il-htija tal-konvenut hija ghalhekk mhiex li hu kkawza n-nar, izda li kolpozament u negligentement holoq sitwazzjoni li kkontribwiet sewwa biex in-nar facilment inxtered u difficilment setgha jinzamm milli jinxtered b'mod li estenda ghal fondi sovrastanti fejn ikkaguna d-danni li l-atturi qed jirreklamaw."*

Kif ukoll, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri), tat-8 ta' Gunju, 2010, fl-ismijiet Carmelo Farrugia v. Antoine Grima, li kienet proprju titratta l-istess incident in ezami, fejn jinghad:

*"Ma hemmx dubju illi l-attur appellat ipprova li l-kagun tan-nar sehh fil-mahzen u li ghal dan il-mahzen kien responsabli l-konvenut. Ma hemmx lanqas dubju illi f'kazijiet ta' din ix-xorta mhux dejjem facli ghall-attur li jgib il-prova ezatta dwar x'ikkaguna l-hruq, ghax kif osservat, anke ghal min hu espert dan il-kompitu spiss drabi jipprezenta diffikultajiet li jimpedixxu, jew ma jirrendux facli, li jkun maghruf, b'mod dirett, is-sors ta' dak il-hruq. Dan, però ma jfisserx illi r-responsabilità a kariku ta' l-appellanti mhix prospettabbli jekk il-verifika ta' l-event tad-dannu hi kollegabbli ghall-fatturi cirkostanzjali, bhal ma huma x-xorta u l-kwantita akkumulata ta' materjal, ta' natura pjuttost riskjuza, mizmuma gewwa mahzen. Naturalment, tikkompeti lill-gudikant il-konsiderazzjoni jekk l-event leziv huwiex il-konsegwenza probabbli ta' dak il-materjal u tal-mod tal-hazna tieghu;*

*Hi effettivament din l-istess konsiderazzjoni li wasslet lill-Qorti ta' l-Appell, sede Kummercjali, biex, in bazi ghall-fattezzi li joffru certu xebh mal-kaz prezenti, tiddeciedi illi "l-htija tal-konvenut, fi kliem iehor, ma hijiex qeghda tigi ravvizata fil-fatt stess li skoppja l-hruq, imma filli kolposament u negligentement huwa holoq sitwazzjoni li kkawzat jew ikkontribwiet sewwa ghal li n-nar facilment jinxtered u difficilment seta' jinzamm milli jinxtered, b'mod li estenda ruhu ghal-fond sovrastanti, fejn ikkaguna dannu lill-proprjetà ta' haddiehor" ("Antonio Vella et -vs- Emanuel Attard", 12 ta' Lulju, 1976). Dan, wara li dik il-Qorti rragunat illi, ghalkemm ma jirrizultax x'kienet il-kawza ta'*

*l-incendju, u eskluz ukoll li l-incendju kien kolpuz, kien hemm imprudenza mill-konvenut fil-fatt li huwa stiva u mballa l-fond bi kwantita ta' oggetti u materjali, fosthom materjali konbustibbli u naqas ukoll milli, ghal dak li kien prevedibbli, jiehu l-prekawzjonijiet ta' bonus pater familias mistennija minnu fic-cirkustanzi."*

Din il-Qorti taqbel perfettament mal-principji hawn fuq enuncjati u taghmilhom taghha ghall-kaz odjern, peress li ghalkemm fil-kaz in ezami, l-espert tal-Qorti Inkwirenti ma setax jiddetermina l-kawza jew is-sors tan-nar li hakem il-garaxx, li a bazi tieghu tista' tigi attribwita xi negligenza lill-konvenut, madankollu jirrizulta li l-konvenut kien jahzen kwantita' notevoli ta' materjal relatat max-xoghol tieghu ta' tappizzar. Irrizulta li l-istess espert forensiku jiddeskrivi dan il-materjal bhala *foam rubber* li permezz tieghu n-nar nfirex b'heffa kbira, peress li dan ma kienx *fire-retardant*.

Inoltre, ladarba l-konvenut kien jahzen kwantità ta' materjal kombustibbli relatat max-xoghol tieghu, dan il-fatt fih innifsu, kien jiddetta certa prudenza bhal li jkollu a disposizzjoni tieghu xi mezz baziku ta' tifi tan-nar, u possibilment anke polza t'assikurazzjoni kontra riskji bhal nar. Fil-fehma tal-Qorti, l-akkadut kien prevedibbili ghall-konvenut li wara kollox kellu l-mestier ta' tappizzar, u kien ben konxju li qed jadopera materjal li ma kienx *fire retardant,* u ghalhekk isegwi li kellu dmir jadopera mqar mizuri bazici ta' prevenzjoni. Ghalhekk jirrizulta debitament pruvat mill-attur li l-konvenut ma hax il-prekawzjonijiet mehtiega tal-*bonus pater familias,* peress li kien qieghed jahzen kwantità ta' materjal li kien facilment kombustibbli, u agixxa b'mod li agevola t-tixrid tan-nar, li wassal ghad-danni kkagunati lill-attur konsistenti, fil-kontenut tal-fond sovrastanti. Fil-mument tal-incident il-konvenut kien qieghed jaghmel uzu mill-garaxx u ghalhekk kien responsabbli ghalih u li jaghmel uzu minnu bid-diligenza mehtiega minn *bonus pater familias*. Isegwi li l-attur irnexxielu jipprova n-ness kawzali bejn l-incident innifsu, u l-agir tal-konvenut konsistenti kemm fl-azzjoni nnifisha tal-hazna ta' kwantità ta' materjal kombustibbli, kif ukoll l-ommissjoni li jzomm xi mezz ta' tifi tan-nar disponibbli, kif kienet tiddetta l-prudenza ta' missier tajjeb tal-familja.

Trattat il-kap ta' responsabbiltà jistghu issa jigu ezaminati l-pretensjonijiet tal-attur ghad-danni, hekk kif elenkati fil-prospett imhejji minnu ghat-total ta' Lm7964.50, ekwivalenti ghal €18,552.29. Dan il-prospett jidher li kien konstestat sew u saru diversi seduti fejn l-attur u l-familjari tieghu gew kontro-ezaminati. L-attur da parti tieghu, ma tantx gab provi dokumentarji salv l-imsemmi prospett u l-ircevuti ta' kera li hallas.

Il-konvenut fin-nota tieghu jishaq li l-pretensjonijiet attrici huma esagerati u ma gewx provati sal-grad rikjest mill-ligi, peress li ma gewx prodotti ebda ircevuti la tal-oggetti li nqerdu u lanqas ta' dawk godda. Jirrileva wkoll in-nuqqas ta' konsistenza bejn ix-xhieda tal-attur u dik tal-mara u tat-tifla li ukoll ikkontribwew sabiex tithejja l-istess lista, fir-rigward ta' kemm kellha zmien l-ghamara li kellhom fil-post. Ghalhekk il-konvenut jinsisti li l-attur qieghed jipprova japprofitta ruhu mis-sitwazzjoni. Hekk il-konvenut isemmi wkoll li l-attur qieghed jippretendi li kellu xorb bil-valur ta' Lm800 li ntilef fl-incident *de quo*, li huwa inverosimili.

Din il-Qorti ezaminat il-prospett a fol. 21 tal-process, u jidhrilha li fil-kaz tal-figura ta' Lm800 kif elenkata, ma tinkludix biss ix-xorb, izda oggetti ohra hemm elenkati li kienu fil-wallunit fis-sallott bhal fajjenza, video casettes, bjankerija u photo album. Dan hu kkonfermat mill-istess xhieda tal-attur meta sarlu l-kontro-ezami fit-18 ta' Mejju, 2012. L-attur fix-xhieda tieghu jsostni li l-prospett ippreparat minnu hu fil-parti l-kbira, bbazat fuq il-prezzijiet ta' kemm kienu gew jiswew l-affarijiet, meta nxtraw diversi snin qabel. Il-Qorti ma tistax tippretendi li wiehed jibqa' izomm kull ricevuta ta' kull oggett li jkun xtara tul hajtu.

Fir-rigward tal-kera, l-attur iressaq il-prova li huwa baqa' jhallas il-kera fuq il-post li nharaq, minkejja li ghamel kwazi hames snin joqghod f'post alternattiv moghti lilu b'kera wkoll mill-Gvern. Madankollu huwa ritenut li l-kera mhallsa fuq il-fond 29, Suq Bonnici, Bormla, m'ghandux jigi rifuz lill-attur, peress li dan fi kwalunkwe kaz kien ser ikun dovut lill-Gvern, anke kieku l-fond ma nharaqx, din il-kera xorta kellha tithallas da parti tal-attur.

Jirrizulta wkoll li effettivament l-attur hallas lill-Gvern is-somma ta' €129.33 ghall-allokazzjoni ta' residenza alternattiva u li l-Gvern ghad ghandu pretensjoni ta' €573.68 fil-konfront tal-attur (fol. 318 tal-process) bhala arretrati ta' kera fuq il-fond Flat 5, Block 13, Unit 2, Hubbard Flats, Triq Alessandra, Cospicua.  L-attur dam jghix f'dan l-ahhar indirizz ghal madwar hames snin, sakemm gie rrangat l-fond fejn kien joqghod qabel l-incident *de quo*.

Huwa principju assodat illi d-dannu jrid jigi ppruvat mid-danneggjat bhala telf attwali u mhux jibqa' wiehed ipotetiku sabiex tirnexxi t-talba tal-attur, peress li kif ritenut:

> *"La perdita del guadagno perchè sia risarcibile deve essere reale e non gia dedotta da mere possibilità astratte."* (Vol. XXVI, Pt I, p. 11)

Dan il-principju huwa rifless fl-artikolu 1045 (1) tal-Kodici Civili li jipprovdi:

> "*ghat-telf effettiv li l-eghmil ikun gieb direttament lil parti li tbaghti l-hsara*."

Kif ritenut ukoll minn din il-Qorti, diversament preseduta, fis-sentenza taghha tal-14 ta' Mejju, 2012, fl-ismijiet Edward Amato et v. Christopher Agius et:

> *"In linea generali, huwa principju tad-dritt fil-kamp tal-kompensazzjoni ghal danni li "l-attur ghandu kemm jista' jkun jigi mqieghed fil-posizzjoni li hu kien ikollu kieku ma gietx kagjonata l-hsara" ("Tufigno vs Micallef noe", Qorti tal-Appell – Sede Civili - 23 ta' April 1965).  Id-danneggjat ghandu l-jedd li jigi rimborsat tad-danni li jkun sofra u li jerga` jitqieghed ragonevolment fl-istat li kien qabel sofra l-hsara. Dan ghaliex ir-risarciment ghandu jirreintegra l-patrimonju tad-danneggjat minn kull konsegwenza ekonomika sfavorevoli ghalih li jgib mieghu l-event dannuz. Ghalhekk ir-risarciment ghandu jikkonsisti f'somma li ragonevolment twassal ghall-valur tal-utilitajiet mitlufa. ("Galea pro et noe vs Gatt et" – Qorti tal-Appell - Sede Civili – 24 ta' Novembru 1958; "Zammit vs Calleja" –*

*Appell Inferjuri – 12 ta` Jannar 1977; "Sant vs Borg" – Prim'Awla tal-Qorti Civili, 3 ta` Ottubru 1979).*

*Din ir-regola tar-restitutio in integrum hija kwalifikata minn regola ohra li bhala bilanc torbot lid-danneggjat sabiex jadotta dawk il-mizuri kollha ragonevoli biex jimmitiga t-telf li jkun garrab, u jekk jirrizulta li ma jkunx ha dawk il-mizuri, allura dak in-nuqqas tad-danneggjat ghandu jirrisolvi ruhu fi tnaqqis tal-quantum tad-danni."*

Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dawn il-principji u ser tapplikahom ghall-kaz odejrn. Ghalkemm huwa minnu li l-attur ma gabx ircevuti, ma jfissirx li l-attur tilef il-jedd ghall-hlas ta' dik il-haga, sakemm il-prova ssir xort'ohra. Mir-rapport tal-perit Richard Aquilina, u mix-xhieda tal-perit tekniku Godwin Abela, inkarigat minn din il-Qorti, diversament preseduta, din il-Qorti tinsab sodisfatta li l-kontenut tal-appartament tal-attur, f'dak li ghandu x'jaqsam mal-ghamara tas-salott u tal-kamra tas-sodda, u accessorji ohra bhas-suffetti u l-purtieri spiccaw biex intilfu. Issa huwa minnu wkoll illi ghandu jsir xi tnaqqis ghall-fatt li l-affarijiet li nqerdu kienu qodma, u minflokhom l-atturi kienu ser jiksbu affarijiet godda.

Il-likwidazzjoni tad-danni ghalhekk ghandha ssir biex kemm jista' jkun, tqieghed lil dak li jkun garrab it-telf, fl-istat li kien fih qabel it-telf u mhux li taghtih vantagg. Izda ghandu jittiehed kont ukoll tal-fatt li l-attur, li kieku mhux ghax sehh l-incident, kien moqdi u ma kienx ser jixtri affarijiet godda, peress li kien qieghed jinqeda sew bl-affarijiet li kellu qabel.

Fic-cirkostanzi u fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha hawn qabel imsemmija, din il-Qorti ser tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' €15,770.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' it-talbiet tal-attur u filwaqt li tiddikjara l-konvenut responsabbli ghall-hsara li garrab l-attur in kwantu l-kontenut tal-fond 29, Suq Bonnici, Bormla, konsegwenza tan-nar li hakem il-garaxx sottostanti li ghalih kien responsabbli l-konvenut, tillikwida d-danni fis-somma ta' €15,770, u tikkundanna lill-konvenut

ihallas lill-attur din is-somma hekk likwidata, b'dan illi l-imghax jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut.

IMHALLEF

DEP/REG